MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 594/2012

**Horace Scicluna KI. 331582 (M) u Roseanne Scicluna KI. 533086 (M)**

**vs.**

**Silvio Zahra KI. 305574(M) u Wendy Conti K.I. 159172 (M))**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-atturi talbu il-hlas tas-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) dovuta mill-konvenuti lill-atturi, skond skrittura privata datata 29 ta' Awissu 2011.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuti pprezentaw nota fir-Registru ta’ dan it-Tribunal datata 28 ta’ Settembru 2012, iffirmata minnhom personalment u wkoll mid-difensur taghhom, illi permezz tal-istess nota huma ammettew it-talba kif dedotta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuti, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta’ tlett elef Ewro (€3,000), bl-imghax legali dekorribbli mill-28 ta’ Awissu 2012 li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, huma a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------